MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 328/2013

**Appell Nru. 328/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Raymond Brincat**

**Illum 15 ta' Jannar, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 586357 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-2 t'Ottubru, 2012 ghall-habta ta' 18.35 hrs waqt li kien gewwa l-fond 152 Abigail, Triq Santa

Rita, Birzebbuga hebb ghal martu Doreen Brincat u kkaguna griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Pierre Chircop MD ta' Birzebbuga.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 221(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant rabtet lill appellant b'garanzija tieghu nnifsu ghal sena, favur Doreen Brincat, taht penali ta' elf Ewro (€1,000) ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi ghandu jigi rilevat illi, anke ma' l-ewwel daqqa t'ghajn lejn ic-certifikat mediku esebit, ma tirrizulta ebda gerha hafifa kif imsemmi fl-akkuza. L-unika haga li lmentat minnha u li giet certifikata dwarha l-kwerelanti kien illi kellha ugiegh. Ugiegh bhala tali mhuwiex gerha hafifa, u fuq dan biss, l-akkuza ma tissusistix.

Illi aktar minn hekkm irrizulta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti illi kien hemm kunflitt qawwi ta' provi. Dan ghaliex filwaqt li l-kwerelanti allegat illi l-esponent dahal go fiha

apposta, c-cirkostanzi juru illi dan ma kienx il-kaz. Jekk il-kuridur tad-dar huwa wiesgha disa` piedi kif stqarret hi, l-esponenti kellha kull cans illi jekk rat lill-esponent gej ghal fuqha interzjonalment, kif allegat, tiggenneb jew tiehu direzzjoni ohra biex ma tintlaqatx.

Rat l-eccezzjni pleriminari mqajma mill-appellant fejn ecepixxa n-nullita tas-Sentenza peress illi fuq il-komparixxi fis-Sentenza illi kiteb il-Magistrat ma hemmx indikati l-Artikoli kollha tal-Ligi u ghalhekk gew miksura d-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Raymond Brincat huwa legalment separat minn martu Doreen. Fost il-kondizzjonijiet fis-separazzjoni hemm dik illi l-appellant ghandu dritt jibqa' jghix fid-dar matrimonjali ghal hames (5) snin mid-data tal-kuntratt. Jidher però illi l-parti leza Doreen ta' spiss tmur id-dar sabiex tara ghall-bzonnijiet ta' binha kif ukoll issajjarlu. Fit-tnejn (2) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30 p.m.) Doreen Brincat kienet id-dar biex tara l-bzonnijiet ta' binha. Waqt illi kienet ghaddejja fil-kuritur ghadda l-appellant minn magenbha u deliberatament taha daqqa ta' spalla qawwija fuq spallitha u ikkawzalha ugigh f'ghonqha kif jidher mic-certifikat esebit mit-tabib Pierre Chircop a fol 8 tal-process. Avolja Doreen Brincat ma tghix fid-dar matrimonjali gieli tqatta' xi iljieli hemmhekk bil-bieb maghluq. Spjegat lill-Qorti illi hija kienet isseparat minhabba l-vjolenza tal-appellant. Id-Difiza argumentat illi hemm konflitt fil-provi. Doreen Brincat qalet illi hija terrorizzata mill-appellant però fl-istess nifs tghid ukoll illi ghadha tmur id-dar fejn ikun hemm l-istess appellant. Dak illi gara kien tort tal-istess parti leza illi baqghet tmur id-dar nonostante li kienet taf illi fid-dar ghandu dritt joqghod fiha l-appellant. Il-parti leza m'ghandhiex ghalfejn tersaq id-dar jekk illum ghal certu zmien temporanju hija assenjata lill-appellant.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament u assolutament ma tara l-ebda konflitt fil-provi. Doreen Brincat dehret soda u konvinta b'dak illi kienet qieghda tghid illi wara kollox kienet tmur fid-dar matrimonjali biex tara ghall-bzonnijiet ta' uliedha. Hi x'inhi r-raguni il ghala Doreen Brincat qieghda fid-dar matrimonjali dan zgur ma jiggustifikax lill-appellant illi jagixxi b'dan il-mod. Il-vjolenza domestika ma tista' tigi tollerata qatt u imkien tigi minn fejn tigi.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena irrizulta li din qieghda fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi ukoll din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------